MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 317/2020 LM

**Colin Sammut (K.I. 587577M) u Annabelle Sammut (K.I. 184178M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Marsamxetto Steamferry Services Limited (C 12803)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Colin Sammut (K.I. 587577M)** u **Annabelle Sammut (K.I. 184178M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fil-5 ta' Lulju 2022, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li jiċħad l-

ewwel talba tar-rikorrenti **Colin Sammut (K.I. 587577M)** u **Annabelle Sammut (K.I. 184178M)**, u li jilqa' t-tieni talba tagħhom limitatament fis-somma ta' €531.42, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u dan bl-imgħax legali mid-9 ta' Diċembru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-Avviż tat-Talba tagħhom ir-rikorrenti spjegaw li fit-12 ta' Settembru, 2020, ir-rikorrent Colin Sammut kien qed jagħmel użu mill-vann tal-għamla Mazda Bongo (numru ta' reġistrazzjoni FCN 496), irreġistrat fuq martu Anabelle Sammut, u pparkjah f'Dock Numru 1, Bormla. Ir-rikorrenti irċevew telefonata mill-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla fejn ġew infurmati li l-vettura tagħhom ġarbet ħsara meta l-ħġieġa ta' quddiem sfat imkissra. Ir-rikorrenti qalu li mir-rapport tal-Pulizija huma saru jafu li l-inċident in kwistjoni kien seħħ minħabba n-negliġenza, traskuraġni jew imperizja tas-soċjetà intimata u/jew tal-impjegati tagħha, u/jew terzi inkarigati minnha waqt li kienu qegħdin jorbtu lanċa mal-moll, u dan kif jirriżulta mill-ammissjoni tal-kaptan tal-lanċa, li kien huwa stess li rrapporta l-inċident lill-Pulizija. Ir-rikorrenti qalu li konsegwenza ta' dan l-inċident, huma sofrew danni fl-ammont ta' €1,326.62, rappreżentanti €310.82 xiri ta' ħġieġa ġdida, €306.80 spejjeż relatati mal-installazzjoni tal-ħġieġa l-ġdida, €79 *shipping fees* tal-ħġieġa peress li kellha tinġieb minn barra minn Malta, u €630 spejjeż ta kiri ta' vettura oħra peress li l-vettura tagħhom ma setgħetx tintuża. Ir-rikorrenti qalu li minkejja li huma interpellaw lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għall-ħlas tad-danni reklamati minnhom, din baqgħet

inadempjenti, u ċaħdet il-pretensjonijiet kontriha minkejja l-ammissjoni tal-impjegat tagħha jew tat-terz inkarigat minnha.

## Mertu

3. Permezz tat-talbiet tagħhom lit-Tribunal, ir-rikorrenti talbu għal dikjarazzjoni li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-inċident in kwistjoni li seħħ fit-12 ta' Settembru, 2020, f'Dock Numru 1, Bormla, bil-konsegwenza li din tiġi kkundannata tħallas id-danni kkaġunati lilhom.

4. Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-fatturi u l-irċevuti tal-ħlas għall-ħġieġa l-ġdida, kif ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar in segwitu għall-inċident.

5. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata ċaħdet li hija u/jew l-impjegati tagħha aġixxew b'mod negliġenti, traskurat jew b'imperizja, jew li hija b'xi mod kienet responsabbli għall-allegati ħsarat imġarrba mir-rikorrenti. Qalet ukoll li kwalunkwe danni li ġarrbu r-rikorrenti huma biss riżultat tan-negliġenza tagħhom, u għalhekk hija qegħda tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet magħmula għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Ir-rikorrent **Colin Sammut** fl-*affidavit* tiegħu qal li fit-12 ta' Settembru, 2020 huwa kien qiegħed jagħmel użu minn vann tal-għamla Mazda Bongo (numru ta' reġistrazzjoni FCN 496) irreġistrat fuq martu Annabelle Sammut, u meta wasal bih Bormla, ipparkja fil-Baċir numru 1. Qal li ma kien hemm l-ebda sinjal jew tabella li tindika li l-parkeġġ f'din iż-żona huwa pprojbit. Qal li ftit wara

huwa ġie mgħarraf minn martu li kienu kkuntattjawha l-Pulizija mill-Għassa ta' Bormla, fejn infurmawha li kienu ġew ikkaġunati xi ħsarat fuq il-vann tagħha. Qal li meta rritorna fil-baċir, iltaqa' ma' ċertu Clint Grech, li huwa responsabbli mil-lanċa li kienet involuta fl-inċident u li kkawża l-ħsara fuq il-vann . Qal li mill-ewwel deher evidenti li l-ħġieġa tan-naħa tax-xellug tal-parti ta' quddiem tal-vann kienet miksura għaliex il-*gangway* tal-lanċa baqa' dieħel fil-ħġieġa tal-vann.

7. Ir-rikorrenti **Annabelle Sammut** fl-*affidavit* tagħha ikkonfermat l-istess dettalji, u żiedet tgħid li minħabba dan l-inċident hija sofriet danni fl-ammont ta' €1,326.63, liema ammont għadu dovut kollu.

8. Mill-kopja tar-rapport tal-Pulizija esebit, jirriżulta li Clint Grech ammetta mal-Pulizija li huwa kien li laqat il-ħġieġa tal-vettura tar-rikorrenti bil-*gangway* tal-lanċa.

9. Ix-xhud **Clint Grech** fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, spjega li f'Settembru tal-2020 huwa kien impjegat bħala kaptan mas-soċjetà intimata. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien dieħel fil-*berth* kif soltu jagħmel, u meta ġie biex jorbot, ra l-vann ipparkjat fuq il-moll. Qal li huwa beda jpaqpaq il-ħorn bit-tama li s-sewwieq tal-vann imur ineħħih, għaliex minħabba l-vann huwa ma setax iniżżel il-*gangway.* Qal ukoll li dakinhar kien ir-riħ, u abbord il-passiġġieri bdew jilmentaw, u għalhekk kellu jagħmel manuvra, fejn mess il-ħġieġa tal-vann. Qal li huwa bilfors kellu jniżżel il-*gangway* ħalli jkun jista' jinżel membru tal-ekwipaġġ minn abbord u jorbot il-lanċa. Qal li x'ħin il-lanċa

ċċaqalqet ftit minħabba r-riħ, huwa laqat il-ħġieġa tal-vann bil-manku tal-*gangway.* Qal li wara l-inċident huwa mar jagħmel rapport l-għassa, iżda minħabba pressjoni ta' ħin, ma baqax fuq il-post sabiex jeżamina l-ħsara li saret.

10. Ix-xhud **Clint Grech** ippreżenta wkoll *affidavit* fejn qal li fix-xogħol tiegħu huwa jieħu ħsieb il-lanċa li topera bejn il-Kottonera u l-Belt Valletta. Qal li l-inċident in kwistjoni seħħ hekk kif huwa kien qiegħed jirritorna lura mill-Belt lejn il-Kottonera, meta fuq il-moll bejn iż-żewġ *bollards* li magħhom tintrabat il-lanċa tas-soċjetà intimata, kien hemm ipparkjat il-vann tar-rikorrenti. Qal li l-preżenza ta' dan il-vann kienet qegħda timpedihom milli jorbtu l-lanċa mal-*bollards.* Ix-xhud spjega li s-servizz tal-lanċa jopera bi skeda stretta imposta mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u id-dewmien fi vjaġġ wieħed ifixkel il-kumplament tal-vjaġġi tal-kumpannija. Qal ukoll li l-kundizzjonijiet tat-temp dakinhar ma kinux favorevoli, u huwa ma kellux l-għażla li jmur jorbot il-lanċa f'post ieħor. Ix-xhud qal ukoll li huwa stenna madwar kwarta, imma s-sittin passiġġier li kellu abbord bdew jirritaw ruħhom, kienu qegħdin jiġu ostakolati dgħajjes oħra li ma setgħux jgħaddu, u l-iskeda li kien marbut biha kienet ser tittardja b'mod konsiderevoli. Meta ra li s-sewwieq tal-vann baqa' ma deherx, iddeċieda li jidħol bl-aktar mod galbuż possibbli, bl-għan li ma ġġarrab l-ebda ħsara d-dgħajsa u ħadd mill-passiġġieri u mill-membri tal-ekwipaġġ abbord ma jweġġgħu. Qal li fil-fatt irnexxielu jidħol, iżda meta kien ser jintrabat l-aħħar ħabel, il-*gangway* mess ftit mat-tieqa tal-vann li tfarrket minnufih. Qal li huwa mar l-għassa ta' Bormla jagħmel rapport għaliex is-sewwieq tal-vann ma kien jidher imkien. Għad-

domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li fuq il-moll m'hemm l-ebda tabella li tindika li ma jistax isir parkeġġ

11. Ix-xhud **Jerome Micallef**, *engine driver* mas-soċjetà intimata, xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien abbord, u minn fuq il-baħar setgħu jinnutaw li kien hemm vettura pparkjata fuq il-moll. Qal li l-membri tal-ekwipaġġ mill-ewwel indunaw li din kienet ser tkun ta' ostakolu għalihom għaliex kienet ipparkjata bejn il-*bollards* fejn isir l-irbit tal-lanċa, u għalhekk huma ma setgħux jaħdmu bil-kumdità u l-flessibilità li huma mdorrijin jaħdmu biha. Qal li dakinhar tal-inċident, xogħlu kien li jorbot il-lanċa, u wara li l-Kaptan daqq il-ħorn diversi drabi bit-tama li s-sewwieq tal-vann jitfaċċa u jneħħiha minn fejn kienet, ittieħdet id-deċiżjoni li l-lanċa tidħol anki għaliex il-passiġġiera abbord bdew jilmentaw. Qal li huwa ħejja ruħhu billi mar fuq il-pruwa tal-lanċa, u hekk kif qorbu lejn il-moll, huwa qabeż minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll sabiex jorbot il-ħbula mal-*bollards.* Qal li huma ħadu kull prekawzjoni possibbli, iżda kif kien qiegħed jorbot l-aħħar ħabel, il-passarella laqtet ftit it-tieqa tal-vettura bir-riżultat li din tfarrket minnufih. Ix-xhud qal li huwa għamel l-almu tiegħu sabiex jaħdem b'mod diliġenti u sabiex jirmiġġja l-lanċa mingħajr ebda inċidenti, iżda dak li seħħ kien inevitabbli u mhux fil-kontroll tiegħu. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li d-deċiżjoni dwar jekk isirx l-irmiġġ jew le dejjem tittieħed mill-kaptan, u bħala miżura ta' prekawzjoni ġie deċiż li l-ewwel tintrabat iċ-ċima tal-i*starboard*, u wara tintrabat iċ-ċima tal-*portside.* Qal li l-għan kien li l-lanċa tiġi stabbilizzata minħabba fid-direzzjoni li minnha kien qed jonfoħ ir-riħ.

## Id-Deċiżjoni Appellata

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda din il-vertenza billi ċaħad l-ewwel talba, u laqa' t-tieni talba limitatament fis-somma ta' €531.42, filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, bl-imgħax legali mid-9 ta' Diċembru, 2020, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Din il-kawża si tratta dwar inċident li seħħ bejn lanċa u vettura, fejn l-atturi qed jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara illi l-inċident seħħ kawża ta' negliġenza min-naħa tas-soċjetà intimata u għalhekk is-soċjetà intimata għandha twieġeb għall-ħsara kollha skont l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*

Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

*Għalhekk it-Tribunal irid jara min mill-partijiet hu responsabbli għall-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-atturi meta kienet ipparkjata.*

*Jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta topera r-rotta ta' bejn il-Kottonera u l-Belt li jorbtu f'Dock No. 1 ġewwa l-Birgu. Jirriżulta wkoll li l-attur ipparkja l-vettura fl-istess Dock u meta l-lanċa ġiet biex torbot wara t-traġitt li għamlet sabet l-istess vettura pparkjata. Jirriżulta li wara madwar kwarta ta' stennija għas-sid sabiex ineħħi l-vettura, fejn waqt din l-istennija l-lanċa kienet qed tostakola bċejjeċ oħra tal-baħar, il-kaptan ma setax jagħmel mod ieħor ħlief li jipprova jorbot il-lanċa sabiex ikunu jistgħu jinżlu l-passiġġieri. Jirriżulta illi sakemm intrabat l-ewwel ħabel kollox kien għaddej sew iżda meta ġie biex jintrabat it-tieni ħabel, il-passarella laqtet il-ħġieġa tal-istess vettura b'konsegwenza li din inkisret, fejn il-kaptan stess mar jagħmel rapport l-għassa ta' Bormla biex jispjega dak li ġara. (fn. 11 A fol. 46 et seq tal-proċess; rapport tal-Pulizija Eżekuttiva)*

*Ikkunsidra li għalkemm l-impjegati tas-soċjetà konvenuta allegaw li dakinhar tal-inċident kien hemm ir-riħ u li t-temp ma kienx favurihom, ma ġiet prodotta l-ebda prova ta' dan. Madanakollu għalkemm min-naħa tal-atturi ġiet sollevata illi dan id-dannu sar bi traskuraġni u li ma ntużatx il-prudenza u d-diliġenza u ħsieb tajjeb tal-*

*familja min-naħa tal-impjegati tas-soċjetà konvenuta, it-Tribunal ma jaqbilx ma' din it-teżi. Primarjament għaliex mix-xhieda taż-żewġ impjegati jirriżulta ampjament illi huma stennew kemm setgħu sabiex forsi sid il-vettura jċaqlaq il-vettura minn fejn kienet ipparkjata, semmgħu l-ħorn u kien wara kwarta li għamlu dan u wara li għalqu l-passaġġ għal dgħajjes oħra li bdew il-manuvri sabiex ikunu jistgħu jorbtu.*

*Ikkunsidra li l-atturi qalu li ma kienx hemm sinjali li wieħed ma jistax jipparkja iżda huwa ben magħruf li meta wieħed jipparkja f'żona fejn jintrabtu d-dgħajjes u saħansitra mal-*bollards *huwa risaput li dawn il-*bollards *qegħdin hemm sabiex jintrabtu d-dgħajjes.*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jattribwixxi t-tort unikament lis-soċjetà konvenuta tal-inċident soffert mill-atturi.*

*Dan it-Tribunal huwa tribunal ta' ekwità, u jagħmel referenza għall-artikolu 7(1) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*

> It-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità:
>
> Iżda, f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi.

*It-Tribunal jagħmel referenza għall-appell fl-ismijiet* ***Marika Caruana vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja****, deċiż fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti: (fn. 12 Appell Ċivili nru. 643/2001/1; Onor Imħallef Philip Sciberras)*

> Fir-rigward ta' ekwità fis-sens litterali tagħha t-Tribunal kif ġja esprima ruħhu drabi oħra fir-rigward jingħad li din tfisser:
>
> "Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).
>
> Fil-kamp ġuridiku l-kelma ekwità għandha s-sens illi dan hu prinċipju li għandu jiġi applikat mhux biex ifarrak il-Liġi, jew biex jissostitwixxi l-Liġi, iżda biex jissupplimentaha fejn il-Liġi hi mankanti:
>
> "Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth: it does also assist the law where it is defective and weak in the construction, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new

subtleties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it." (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705].

Għandu jingħad ukoll li:

"... Equity follows the law" and cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it may be."

Kif ukoll li:

"Equity is co-relative and co-extensive with law" (Sources of English Legal History 1750-1950 – A.H. Manchester. P. 121)

Il-kunċett tal-ekwità żviluppa matul is-sekli, però sa minn żmien Arisotitle l-bażi tal-ekwità kienet dik ta' korp ta' regoli li jissupplixxi fejn il-Liġi hija mankanti:

"Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the "unwritten" law regarded as underlying and supplying the deficiencies of the body of enacted law" (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed. P. 964)

Dak li hu ekwu huwa ġust:

"... While we sometimes praise what is equitable and the equitable man, ... at other times, when we reason it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworhthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed. P. 964)

U jkompli jgħid:

"... for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak

universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on which it is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission – to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of this statement. And this is the the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality.” (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed. P. 964)

Dak li hu ekwu neċessarjament huwa ġust, u l-ekwità hi proprju intiża sabiex issir ġustizzja ma’ dak li jkun. L-istess awtur ikompli jgħid:

“it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is: the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character”

Sir Henry Maine isemmi tliet strumentalizzazzjonijiet li jservu biex iġibu aktar qrib ta’ xulxin l-interessi tas-soċjetà kif distinti minn dawk tal-liġi; u ċioe “Legal Fictions, Equity and Legislation” u jitlaq b’din il-premessa:

“... Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed.”

Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tiegħu fuq dak li qal Maine fuq it-tliet strumentalizzazzjonijiet: “If they are exhausted where is a new means to be found?” u jispiċċa jgħid:

“The Law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the

redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two."

Tenut kont ta' dan kollu, it-tifsira li għandha tingħata lill-kelma "ekwità", u aktar tenut kont tal-kliem "skont il-Liġi" illi jinsab għal xi raġuni allaċċat mal-kelma "ekwità" fl-Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ekwità għandha ssegwi l-Liġi u għandha wkoll però l-funzjoni speċjali li din tissupplimentaha fejn din hi nieqsa, billi tagħti rimedju fejn hemm ir-raġuni, u b'mod li ssir ġustizzja ma' dak li jkun."

*Ikkunsidra illi l-atturi ppreżentaw serje ta' stimi u irċevuti. (fn. 13 a fol. 13 et seq tal-proċess) It-Tribunal ikkonsidra li għalkemm dawn l-istimi u l-irċevuti ma ġewx awtentikati, is-soċjetà intimata ma rrilevatx dan u la ma kienx hemm oppożizzjoni min-naħa tas-soċjetà intimata allura t-Tribunal jifhem li hemm qbil li dawn l-ispejjeż effettivament saru min-naħa tal-atturi.*

*Ikkunsidra li:*

*1) Il-fattura tal-ħġieġa li ssostitwixxiet il-ħġieġa imkissra hija ta' €310.82. (fn. 14 a fol. 14 et seq tal-proċess)*
*2) L-istima datata 1 ta' Ottubru, 2020 tkopri l-ammont komplessiv ta' €306.80, liema ammont ta' €120 mingħajr VAT kien sabiex tinbidel il-ħġieġa, filwaqt li l-ammont ta' €140 mingħajr VAT kien rigward spray fuq il-bieba ta' quddiem tan-naħa tax-xellug. (fn. 15 a fol. 17 tal-proċess)*
*3) L-ammont ta' €79 ikopri s-*shipping fees*. (fn. 16 a fol. 18 tal-proċess)*
*4) L-ammont ta' 630 ikopri l-ispejjeż ta'* car hire. *(fn. 17 a fol. 19 tal-proċess)*

*Fir-rigward tal-ispray imsemmi fl-istima datata l-1 ta' Ottubru, 2020 it-Tribunal ma jistax jifhem kif din is-somma qed tiġi addebitata lis-soċjetà konvenuta u dan għaliex mill-provi prodotti mill-atturi stess, kif ukoll mir-rapport esebit mill-Pulizija Eżekuttiva imkien ma jirriżulta illi kien hemm ħsara fil-bieba iżda ssemma biss li kien hemm ħsara fil-ħġieġa. Għalhekk jirriżulta biss li l-ħsara li saret kienet fuq il-ħġieġa u s-somma għal tali tiswija kien biss ta' €141.60, VAT inkluż u mhux l-ammont pretiż ta' €306.80.*

*Fir-rigward tal-ispiża li tirrelata mal-*car hire, *l-attriċi fix-xhieda tagħha qalet li peress li ma setgħetx tuża l-vann minħabba l-ħsara estensiva sofferta, hija kellha tikri vettura fl-ispiża ta' €630. (fn. 18 a fol. 39 tal-proċess) Mill-fattura ppreżentata skont id-deskrizzjoni jidher li l-vettura ġiet mikrija mill-14 ta' Ottubru sal-1 ta' Ottubru filwaqt illi d-data tal-fattura taqra 5 ta' Ottubru, 2020. Jirriżulta li l-inċident seħħ fit-12 ta'*

*Settembru, 2020. Il-fattura fir-rigward tax-*shipping fees *ppreżentata kif ukoll l-istima ta' kemm jiswa x-xogħol fuq il-vettura huma datati l-1 ta' Ottubru, 2020. Allura hawnhekk it-Tribunal jistaqsi allura mit-12 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru l-vettura setgħet tinstaq minkejja l-ħsarat estensivi li l-attriċi allegat li kellha l-vettura? Li jirriżulta lit-Tribunal huwa li la mir-rapport tal-Pulizija Eżekuttiva u lanqas mix-xhieda tal-attur ma ssemma li l-vettura sofriet ħsara estensiva, iżda li l-ħsara saret biss fuq il-ħġieġa tax-xellug tan-naħa ta' quddiem. Illi lanqas biss ġew preżentati provi x'kienu l-ħsarat estensivi u wisq anqas għaliex il-vettura ma setgħetx tinstaq għal ġimagħtejn sħaħ. L-atturi lanqas ma pproduċew provi minn meta l-vettura ddaħħlet għat-tiswija u lanqas sa kemm damet għat-tiswija l-vettura.*

***Konklużjoni***

*Għalhekk it-Tribunal għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, jiddeċiedi li r-responsabbilità tal-inċident saret a kawża tal-attur u s-soċjetà konvenuta u s-somma li għandha tħallas is-soċjetà konvenuta lill-atturi hija tal-ħġieġa li ġiet rimpjazzata fl-ammont ta' €310.82, ir-rimpjazzament ta' tali ħġieġa fl-ammont ta' €141.60 u s-*shipping fees *sabiex ġiet importata l-ħġieġa fl-ammont ta' €79.00.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jiċħad l-ewwel talba u jilqa' t-tieni talba limitatament fis-somma ta' €531.42 filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, bl-imgħax legali mid-9 ta' Diċembru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv. (fn. 19 mid-data tal-preżentata tal-kawża)*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu ½ mill-atturi u ½ mis-soċjetà konvenuta."*

## <u>L-Appell</u>

13. L-appellanti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni, u ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-22 ta' Lulju, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-parti tad-deċiżjoni fejn it-Tribunal ma laqax l-ewwel talba tal-appellanti fejn is-soċjetà appellata ma ġietx misjuba responsabbli għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Settembru, 2020, u tibdel dik il-parti tas-sentenza fejn it-

Tribunal laqa' t-tieni talba tal-appellanti limitatament, billi tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas is-somma ta' €1,326.62 fl-intier tagħha.

14. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex id-deċiżjoni appellata mhijiex ekwa u ġusta u għalhekk għandha tiġi revokata. Qalu li t-Tribunal ma qabilx mat-teżi tagħhom li l-inċident u d-danni sofferti minnhom huma riżultat tat-traskuraġni u/jew nuqqas ta' diliġenza u prudenza ta' *bonus paterfamilias,* u dan għaliex ikkunsidra li l-impjegati tas-soċjetà appellata stennew kemm setgħu biex forsi sid il-vettura jċaqalqu minn fejn ħallieh L-apellanti qalu li t-Tribunal donnu ried jiskuża lill-impjegati tal-appellata tad-dannu kkaġunat bl-għemil tagħhom. Qalu wkoll li skont it-Tribunal, il-fatt li kien hemm il-*bollards,* fih innifsu għandu jagħti x'jifhem li dawn il-*bollards* jintużaw għall-irbit tad-dgħajjes, u għalhekk m'hemm bżonn tal-ebda tabella li tindika li l-ipparkjar huwa pprojbit. L-appellanti qalu li huma ma kinux jafu li dawn il-*bollards* kienu meħtieġa għall-irbit tad-dgħajjes, u għalhekk dan il-fatt waħdu m'għandux ifisser li huma responsabbli *in parte* għad-dannu kkawżat. L-appellanti qalu li m'hemm xejn li juri li kien hemm element ta' negliġenza u nuqqas ta' diliġenza da parti tagħhom. Qalu wkoll li ma kien hemm l-ebda ksur tas-sinjali tat-traffiku, anzi pjuttost jista' jingħad li l-appellant ġie żgwidat minħabba nuqqas ta' sinjali u indikazzjonijiet. L-appellanti qalu li huma ppreżentaw il-fatturi kollha bħala prova tad-danni sofferti minnhom, iżda minkejja dan it-Tribunal xorta waħda pproċeda billi laqa' t-talba tagħhom b'mod parzjali billi llikwida d-danni sofferti minnhom fl-ammont ta' €531.42. L-appellanti qalu li t-Tribunal ma kellux inaqqas is-somma ta' €140

rrappreżentanti l-*ispray* tal-bieba tal-vettura, u dan l-ammont ta' danni jagħmel parti integrali mid-danni subiti minnhom, kif jirriżulta mill-fattura ppreżentata. L-appellanti qalu li t-Tribunal ma kellux lanqas inaqqas l-ispejjeż marbuta mal-kiri ta' vettura, billi l-vann ma setgħax tintuża għall-iskop kummerċjali li huwa maħsub għalih, u lanqas ma seta' jinstaq kif suppost. Qalu wkoll li għall-perijodu bejn it-12 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, 2020 huma ma krewx vettura, iżda dan ma jfissirx li l-vettura tagħhom kienet qiegħda tinstaq. Qalu wkoll li huma kellhom obbligu jimminimizzaw id-danni, iżda talli għamlu hekk spiċċaw ġew iddubitati mit-Tribunal. L-appellanti qalu li l-fatturi kollha li jwasslu għas-somma mitluba minnhom, kellhom iservu ta' prova quddiem it-Tribunal tad-danni subiti minnhom, u għalhekk it-Tribunal kellu jilqa' t-talba tagħhom fl-intier tagħha, stante li huma ppreżentaw evidenza konkreta li ma tħalli lok għal ebda dubju f'dan ir-rigward. L-appellanti qalu li għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda inġusta u tattribwixxi ħtija lilhom minkejja li huma ma eżerċitaw l-ebda negliġenza. Qalu wkoll li mhux l-istess jista' jingħad għall-impjegati tas-soċjetà appellata, li kienu jafu li bil-manuvra tal-lanċa kienu ser ikunu ta' riskju għall-vettura, iżda xorta waħda ddeċidew li jieħdu r-riskju u jikkawżaw dannu lill-appellanti.

15. L-appellanti qalu li t-Tribunal applika l-liġi ħażin billi ddeċieda li r-responsabbilità għall-inċident ma kinitx biss tas-soċjetà appellata. Spjegaw li l-fatt li l-impjegati tas-soċjetà appellata qagħdu jistennew bit-tama li jitfaċċa s-sewwieq tal-vann li kien ipparkjat ħażin, ma kellux jingħata importanza, u dan għaliex li kieku l-impjegati tas-soċjetà appellata imxew b'aktar diliġenza, ma

kienet tiġi kkaġunata l-ebda ħsara fuq il-vettura tagħhom. L-appellanti ċċitaw l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, u qalu li waqt il-ġbir tal-provi rriżulta bl-aktar mod ċar li kienu l-impjegati tas-soċjetà appellata li kkaġunawlhom danni waqt ix-xogħol tagħhom, kif ammettew huma stess.

**Ir-Risposta tal-Appell**

16. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha wieġbet li ladarba t-Tribunal ħass li ż-żewġ partijiet kellhom tort fl-inċident li seħħ, huwa l-ammont likwidat li kellu jinqasam bejn il-partijiet u mhux l-ammont kollu pretiż mill-appellanti, peress li l-ammonti l-oħra pretiżi kienu irrilevanti, u mhux spejjeż marbuta mal-akkadut. Is-soċjetà appellata qalet li l-appell huwa inammissibbli għaliex huwa nieqes minn kull sustanza meħtieġa biex tagħti validazzjoni lill-appell, u qalet li din il-Qorti għandha tqisu inammissibbli u tiddikjarah null.

17. Is-soċjetà appellata qalet li l-artikolu 8(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jelenka liema huma s-sitwazzjonijiet fejn jista' jsir appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, jiġifieri fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 380, u meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat id-drittijiet ta' min jappella. Żiedet tgħid li huwa biss fejn id-dannu jeċċedi l-€1,500, li l-appell jista' jsir fuq ir-raġunijiet kollha, u f'dan il-każ huwa

ċar li l-appellanti ma bbażawx l-appell tagħhom fuq xi wieħed mill-ewwel tliet raġunijiet mogħtija fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, iżda qegħdin jilmentaw li d-deċiżjoni mhijiex ekwa u ġusta, u dan *ai termini* tal-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti donnhom injoraw il-fatt li din il-Qorti ma tistax tagħmel apprezzament tal-fatti mill-ġdid, sakemm ma ssibx li t-Tribunal żbalja b'mod gravi, u minħabba f'hekk l-appellant ikun ġie ppreġudikat. Qalet li mid-deċiżjoni mogħtija ma jirriżultax li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità jew ivvjola l-prinċipju tal-ekwità, u li din d-deċiżjoni qegħda tivvjola l-jeddijiet tal-appellanti.

18. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti donnhom qegħdin jgħidu li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal mhijiex skont il-prinċipji tal-ekwità, għaliex huma setgħu jipparkjaw viċin il-*bollards* fejn jintrabtu d-dgħajjes, ladarba ma kien hemm l-ebda tabella li tindika li ma jistax isir parkeġġ ta' vetturi. L-appellanti qalu li huma ma kellhom l-ebda ħtija fl-inċident, u t-tort huwa unikament tal-impjegati tas-soċjetà appellata, u minkejja li ġabu kull prova dwar id-danni sofferti, it-Tribunal naqqas l-ammonti arbitrarjament billi għamel apprezzament żbaljat tal-fatti. Qalet li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal huma limitati fuq fatturi legali, u għalhekk f'dan l-istadju m'għandux isir apprezzament mill-ġdid tal-provi. Qalet li t-Tribunal kien konvint li l-preżenza tal-*bollards* fejn tħalliet il-vettura, kienet tindika li dawn huma maħsuba għall-irbit tad-dgħajjes. Qalet li hija ma tistax tifhem kif in-nuqqas ta' tabella li tindika li l-ipparkjar huwa pprojbit, huwa nuqqas li għalih hija għandha tinżamm responsabbli. Qalet li f'każ li l-appellanti ħassewhom żgwidati minħabba dawn

il-*bollards,* huma għandhom jieħdu proċeduri kontra l-awtorità responsabbli u mhux kontra tagħha. L-appellata qalet li l-konvinzjoni tat-Tribunal żdiedet meta dan ikkonsidra l-aggravju fil-kuntest tad-deċiżjoni appellata, għaliex fid-deċiżjoni tiegħu dan ikkonsidra li s-soċjetà appellata għamlet ħilitha sabiex tieħu kull prekawzjoni u tevita kull inċident prevedibbli. Is-soċjetà appellata qalet li minkejja li s-servizz tagħha jopera skont skeda stretta imposta mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-impjegati tagħha xorta waħda stennew sakemm forsi s-sewwieq tal-vann imur għalih. L-appellata qalet li kien abbażi ta' dan kollu li t-Tribunal qies li ma kellux jattribwixxi t-tort ta' dak li ġara lis-soċjetà appellata. Qalet ukoll li t-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi li jkollu quddiemu abbażi tal-prinċipju tal-ekwità sakemm ma jkunx hemm xi kwistjoni dwar il-preskrizzjoni, u fil-każ odjern ċertament li l-ħsieb u d-deċiżjoni mogħtija, ma jmorrux kontra l-prinċipju tal-ekwità u l-imparzjalità. Is-soċjetà appellata qalet li anki li kieku wieħed kellu jargumenta li din id-deċiżjoni tmur kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-effett ta' dan irid ikun ta' preġudizzju għall-appellanti, li f'dan il-każ huwa nieqes għal kollox.

19. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għad-danni li ġew likwidati mit-Tribunal, u qalet li tul is-smigħ tal-proċeduri, imkien ma sar riferiment għall-*ispray* tal-bieba tal-vettura tal-appellanti, u kull darba li ssemmew il-ħsarat, dejjem issemmiet il-ħġieġa miksura, u l-ħtieġa li din tiġi mibdula. Is-soċjetà appellata qalet li l-ispiża tal-kiri ta' vettura mill-appellanti kienet waħda li dwarha ma nġabet l-ebda prova konklussiva, u dan għaliex id-data tal-*invoice* hija nieqsa, kif ukoll id-dati ta' meta ġiet mikrija l-vettura huma bejn l-14 ta'

Ottubru u l-1 ta' Ottubru, dati li ma jagħmlu l-ebda sens u ma jaqblux ma' dak li qed jgħidu l-appellanti. L-appellata qalet ukoll li l-appellanti imkien ma semmew b'liema mod huma ġew ippreġudikati bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u f'każ li saret xi inġustizzja, din saret biss mas-soċjetà appellata, għaliex ladarba t-Tribunal iddeċieda li l-partijiet għandhom jaqsmu r-responsabbilità għall-akkadut, bl-istess mod kellu jiżgura li l-ispiża li ġiet likwidata tinqasm bejn il-partijiet.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti donnhom qegħdin jgħidu li t-Tribunal applika l-liġi b'mod korrett, iżda għamel interpretazzjoni ħażina tal-istess liġi. Qalet li d-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ma jestendix għal każijiet fejn jiġi allegat li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi jew interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u fi kwalunkwe każ appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss għal xi waħda mir-raġunijiet elenkati taħt l-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Qabel tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti, din il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mis-soċjetà appellata. Fl-ewwel lok is-soċjetà appellata tgħid li ladarba t-Tribunal iddeċieda li r-responsabbilità għall-akkadut għandha tinqasam bejn il-partijiet, bl-istess mod id-danni likwidati minnu kellhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. It-Tribunal qies li d-danni sofferti mill-appellanti ġie ppruvat li jammontaw għal €531.42, u kkundanna lis-soċjetà appellata tħallas dawn id-danni hekk likwidati.

Imma s-soċjetà appellata ma ressqet l-ebda appell inċidentali minn din il-parti tad-deċiżjoni, u għalhekk il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan il-punt li ġie sollevat mis-soċjetà appellata biss fir-risposta tal-appell tagħha.

22. Punt preliminari ieħor li tqajjem mis-soċjetà appellata, huwa li fil-fehma tagħha l-appell tal-appellanti huwa inammissibbli għaliex ma jaqax taħt xi waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, li abbażi tagħhom jista' jsir appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni, u dan għaliex l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa proprju bbażat fuq il-fehma tagħhom li t-Tribunal ma ddeċidiex skont il-prinċipji tal-ekwità u tal-imparzjalità, u li għalhekk id-deċiżjoni mogħtija kkawżatilhom preġudizzju. L-appellata saħqet li imkien ma ntwera b'liema mod l-appellanti ġew ippreġudikati bid-deċiżjoni mogħtija, iżda l-fatt waħdu li t-talbiet tal-appellanti ma ġewx milqugħa u dawn ħassew il-bżonn li jappellaw mid-deċiżjoni mogħtija, iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-appellanti appellaw proprju għaliex ħassewhom ippreġudikati bil-mod kif it-Tribunal qata' l-vertenza bejn il-partijiet.

*L-ewwel aggravju:* *[deċiżjoni mhux ekwa u ġusta]*

23. L-appellanti jgħidu li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex ekwa u ġusta, u dan għaliex it-Tribunal ta piż għal dak qalu l-impjegati tas-soċjetà appellata, li stennew għal ċertu ħin bit-tama li s-sewwieq tal-vann imur fuq il-post u jneħħiha minn fejn kienet ipparkjata. Qalu li għat-Tribunal, is-sempliċi fatt li fuq

il-post kien hemm il-*bollards,* kellu jindika li hemmhekk ma setgħux jitħallew vetturi peress li dawn il-*bollards* jintużaw għall-irbit tal-laneċ, anki jekk ma kien hemm l-ebda sinjal jew tabella li jindikaw li l-parkeġġ hemmhekk huwa pprojbit. L-appellanti qalu li ma nġabet l-ebda prova li kien hemm xi negliġenza da parti tagħhom, u huma ġew żgwidati minħabba n-nuqqas ta' sinjali fuq il-post. Qalu wkoll li minkejja l-prova tad-danni sofferti minnhom, it-Tribunal xorta waħda għamel l-likwidazzjoni tiegħu u naqqas għal kollox l-ispejjeż relatati mal-kiri ta' vettura u l-ispiża li saret għall-isprejjar tal-bieba tal-vettura.

24. Il-Qorti tqis li skont l-artikolu 7(1) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prinċipju li għandu jirregola d-deċiżjonijiet li jingħataw mit-Tribunal, huwa dak tal-ekwità. Fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal ikkonkluda li ma setax jgħid li kien hemm negliġenza da parti tas-soċjetà appellata jew tal-impjegati tagħha, stante li mill-provi miġjuba jirriżulta li dawn użaw kawtela massima x'ħin ġew biex jorbtu l-lanċa. Kien biss meta l-kaptan tal-lanċa ma setax jistenna aktar minħabba l-iskeda li kien marbut biha, u anki għaliex il-passiġġieri abbord bdew jilmentaw, li huwa ddeċieda li jorbot il-lanċa mal-*bollard,* u mill-provi jirriżulta wkoll li anki biex saret din il-manuvra ittieħdu diversi prekawzjonijiet. Minkejja dan, anki minħabba li dakinhar tal-inċident il-kundizzjonijiet tat-temp ma kienux ideali, f'ħin minnhom il-lanċa ċċaqalqet, bir-riżultat li l-passarella tal-lanċa laqtet il-ħġieġa tal-vettura tal-appellanti u kissritha. Din il-Qorti tqis li ma ġiex ippruvat li l-impjegati tas-soċjetà appellata aġixxew b'xi mod negliġenti, jew li dawn naqsu milli jaqdu dmirhom bħala *bonus paterfamilias* kif allegat mill-appellanti. Pjuttost huma l-appellanti kienu negliġenti fis-sens li ħallew il-vann tagħhom

f'post fejn m'għandux isir parkeġġ. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjoni tat-Tribunal li l-preżenza tal-*bollards* fuq il-moll kellha tkun sufficjenti biex tindika lill-appellanti li hemmhekk ma kellhomx jitħallew vetturi, u anki f'każ li l-appellanti ma kinux jafu għal liema raġuni hemm il-*bollards* mat-tul tal-moll, dan in-nuqqas ta' għarfien m'għandux awtomatikament jissarraf f'responsabbilità jew f'sejbien ta' negliġenza fil-konfront tal-impjegati tas-soċjetà appellata. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata m'għandha l-ebda responsabbilità x'iġġorr għall-fatt li fuq il-post m'hemmx tabelli u sinjali li jindikaw li ma jistax isir parkeġġ ħdejn il-*bollards.* Għaldaqstant kien korrett it-Tribunal fil-konklużjonijiet tiegħu li ma jistax jingħad li l-akkadut seħħ minħabba negliġenza jew traskuraġni tas-soċjetà appellata jew tal-impjegati tagħha. Kien bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ekwità li minkejja li ċertament li t-Tribunal qies li kien hemm kontributorjetà da parti tal-appellanti għall-akkadut, tant hu hekk li f'partijiet mid-deċiżjoni qal li s-soċjetà appellata m'għandhiex tinżamm responsabbli unikament għal dak li seħħ, dan illikwida d-danni sofferti minnhom u kkundanna lis-soċjetà appellata tħallas l-ammont likwidat.

25. Il-Qorti tqis li t-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-pretensjonijiet tal-appellanti abbażi ta' ekwità, u dan għaliex wara li qies li l-fatturi esebiti mhumiex awtentikati, qies ukoll li ma nġabet l-ebda prova li minħabba l-ħsara fil-ħġiega kien meħtieġ li tiġi sprejjata l-bieba tal-vettura, u l-prova li nġabet fir-rigward tal-kiri ta' vettura oħra ma kinitx waħda konvinċenti għax id-dati indikati fuqha bejn l-14 ta' Ottubru sal-1 ta' Ottubru ma jagħmlux

sens. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal li d-danni jiġu limitati għall-ħsara sofferta fir-rigward tax-xiri u t-tibdil tal-ħġieġa miksura, u dan għaliex jirriżulta bl-aktar mod ċar li dan huwa d-dannu attwali li ġie ammess mill-kaptan tal-lanċa. Il-Qorti tqis li kull spiża oħra pretiża ma ġietx ippruvata, partikolarment dik dwar il-kiri ta' vettura oħra meta l-irċevuta prodotta m'għandhiex dati li jagħmlu sens dwar il-perijodu li fih suppost inkriet il-vettura, u lanqas m'huwa ċar jekk din il-vettura kinitx strettament meħtieġa mill-appellanti. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis li m'hemm xejn li mhuwiex ekwu u ġust fir-raġunament tat-Tribunal, anki jekk l-appellanti jgħidu li jħossuhom preġudikati bid-deċiżjoni mogħtija, naturalment għaliex it-Tribunal ma ddeċidiex bil-mod kif xtaqu huma. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni/Interpretazzjoni ħażina tal-liġi]*

26. L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt li t-Tribunal interpreta l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili b'mod żbaljat, u insistew li ladarba kien hemm ammissjoni da parti tal-kaptan tal-lanċa, is-soċjetà appellata kellha twieġeb għad-danni kollha sofferti minnhom.

27. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li aggravju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ħażina tal-liġi mit-Tribunal, mhuwiex wieħed mir-raġunijiet li għalihom jista' jsir appell, kif stabbilit bl-artikolu 8 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta'

Malta, u għalhekk m'hija sejra tieħu l-ebda konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Grima Communications Company Limited *vs.* Victor Said**[1], fejn kien deċiż li d-dritt ta' appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma jestendix għal każijiet fejn huwa allegat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mit-Tribunal.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] 15.05.2002.